Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 16 ta' April 2024
(OR. en)

8341/24
PV CONS 16
ENV 374
CLIMA 141

**ABBOZZ TA' MINUTI**

KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Ambjent)

25 ta' Marzu 2024

1. **Adozzjoni tal-aġenda**

Il-Kunsill adotta l-aġenda li tinsab fid-dokument 7839/24.

2. **Approvazzjoni tal-punti "A"**

a) **Lista mhux leġiżlattiva** 7979/24

Il-Kunsill adotta l-punti "A" kollha elenkati fid-dokument ta' hawn fuq, inkluż id-dokumenti lingwistiċi COR u REV kollha ppreżentati għall-adozzjoni. Id-dikjarazzjonijiet għal dawn il-punti jinsabu fl-addendum.

b) **Lista leġiżlattiva** (deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea) 7980/24

**Ambjent**

**Regolament dwar il-vjeġġi ta' skart** ❶C 7571/24 + ADD 1
*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv* PE-CONS 84/23
approvat mill-Coreper, Parti 1 fl-20.3.2024 ENVI

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 192(1) TFUE).

Id-dikjarazzjonijiet dwar dan il-punt jinsabu fl-Anness.

**Attivitajiet mhux leġiżlattivi**

3. **Komunikazzjoni dwar il-mira klimatika Ewropea għall-2040** 2 7427/24 + COR 1
*Skambju ta' fehmiet*

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet abbażi ta' mistoqsijiet imħejjija mill-Presidenza, kif jinsabu fid-dokument ta' hawn fuq.

**<u>Deliberazzjonijiet leġiżlattivi</u>**
**(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)**

4. **Direttiva li temenda d-Direttiva 2008/98/KE dwar l-iskart** 7725/24
*Dibattitu ta' orjentazzjoni*

<u>Il-Kunsill</u> kellu dibattitu ta' orjentazzjoni abbażi ta' mistoqsijiet imħejjija mill-Presidenza, kif jinsabu fid-dokument ta' hawn fuq.

5. **Regolament dwar il-prevenzjoni tat-telf tal-pellets tal-plastik biex jitnaqqas it-tniġġis mill-mikroplastik** 7753/24
*Dibattitu ta' orjentazzjoni*

<u>Il-Kunsill</u> kellu dibattitu ta' orjentazzjoni abbażi ta' mistoqsijiet imħejjija mill-Presidenza, kif jinsabu fid-dokument ta' hawn fuq.

**<u>Affarijiet oħra</u>**

6. a) **Komunikazzjoni dwar il-ġestjoni tar-riskji klimatiċi** 7732/24
*Preżentazzjoni mill-Kummissjoni*

<u>Il-Kunsill</u> ħa nota tal-preżentazzjoni mogħtija mill-Kummissjoni.

b) **Is-sitwazzjoni attwali tal-progress tal-Istati Membri lejn il-miri klimatiċi għall-2030** 7779/24
*Informazzjoni mill-Kummissjoni*

<u>Il-Kunsill</u> ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni.

c) **"Dikjarazzjoni - djalogu politiku annwali - Karlovy Vary" u l-ħtieġa li tissaħħaħ it-tranżizzjoni ġusta fir-reġjuni affettwati mid-dekarbonizzazzjoni** 7833/24
*Informazzjoni mid-delegazzjoni Ċeka u dik Slovakka*

<u>Il-Kunsill</u> ħa nota tal-informazzjoni pprovduta miċ-Ċekja u s-Slovakkja.

| | | | |
|---|---|---|---|
| **d)** | **Kontrolli aktar stretti fuq l-esportazzjonijiet tal-iskart tat-tessuti lejn pajjiżi li qed jiżviluppaw**<br>*Informazzjoni mid-delegazzjoni Daniża, Franċiża u dik Żvediża* | 2 | 7881/24 |

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mid-Danimarka, Franza u l-Iżvezja.

| | | | |
|---|---|---|---|
| e) | Sejħa għal azzjoni biex jitwaqqfu l-importazzjonijiet Russi tal-iskart fl-UE<br>*Informazzjoni mid-delegazzjoni Litwana, appoġġata mid-delegazzjoni Ċeka, Estonjana u dik Latvjana* | | 8030/2/24 REV 2 |
| **f)** | **Rapport dwar it-tmien programm ta' azzjoni għall-ambjent: evalwazzjoni ta' nofs it-terminu**<br>*Preżentazzjoni mill-Kummissjoni* | 2 | 7702/24 |

Il-Kunsill ħa nota tal-preżentazzjoni mogħtija mill-Kummissjoni.

| | | | |
|---|---|---|---|
| **g)** | **Valutazzjoni mill-ġdid tal-istat ta' konservazzjoni tal-popolazzjonijiet tal-ors kannella fl-Ewropa**<br>*Informazzjoni mid-delegazzjoni Rumena, Slovakka u dik Finlandiża* | 2 | 7717/24 |

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mir-Rumanija, is-Slovakkja u l-Finlandja.

| | | | |
|---|---|---|---|
| **h)** | **Rapport dwar l-attivitajiet ta' livell għoli organizzati mill-Presidenza**<br>*Informazzjoni mill-Presidenza* | 2 | 8012/24 |

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza.

| | | | |
|---|---|---|---|
| **i)** | **Proposti leġiżlattivi attwali** (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea) | ❶C | |
| | **i)** **Regolament dwar qafas għall-monitoraġġ tal-foresti Ewropej reżiljenti** | | 7699/24 |
| | **ii)** **Regolament dwar ir-restawr tan-natura**<br>*Informazzjoni mill-Presidenza* | | |

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza.

| | | | |
|---|---|---|---|
| j) | **Rapporti dwar il-laqgħat internazzjonali reċenti ewlenin** | [2] | |
| | i) **L-14-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tal-Ispeċi Migratorji tal-Annimali Selvaġġi (COP 14) (Samarkand, l-Użbekistan, 12-17 ta' Frar 2024)** | | 7780/1/24 REV 1 |
| | ii) **Is-sitt sessjoni tal-Assemblea tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent (UNEA-6) (Nairobi, il-Kenja, 26 ta' Frar-1 ta' Marzu 2024)** *Informazzjoni mill-Presidenza u l-Kummissjoni* | | 7934/24 |

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza u mill-Kummissjoni.

| | | | |
|---|---|---|---|
| k) | **Ratifika tal-Ftehimiet Ambjentali Multilaterali (MEAs) - sejħa aġġornata għal azzjoni urġenti** *Informazzjoni mill-Kummissjoni* | [2] | 7879/24 |

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni.

| | | | |
|---|---|---|---|
| i) | **(kontinwazzjoni) Proposti leġiżlattivi attwali** (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea) | [1] [C] | |
| | iii) **Proposta għal Regolament dwar il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' materjal riproduttiv tal-pjanti fl-Unjoni L-importanza ta' bdiewa żgħar u networks tal-bdiewa għal Regolament dwar is-Sostenibbiltà taż-Żrieragħ fl-UE** *Informazzjoni mid-delegazzjoni Awstrijaka* | | 7784/24 |

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Awstrija.

[1] L-ewwel qari

[C] Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni

[2] Dibattitu pubbliku propost mill-Presidenza (Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)

**Dikjarazzjonijiet għall-punti leġiżlattivi "A" li jinsabu fid-dokument 7980/24**

**Regolament dwar il-vjeġġi ta' skart**
*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*

**DIKJARAZZJONI MILL-IRLANDA**

"L-Irlanda tappoġġa l-adozzjoni tar-Regolament rivedut dwar Vjeġġi ta' Skart peress li jipprovdi mekkaniżmu biex jappoġġa aħjar l-Ekonomija Ċirkolari permezz ta' enfasi akbar fuq l-użu tal-iskart bħala riżorsa fl-UE filwaqt li jipprovdi wkoll proċeduri dettaljati biex jittejjeb il-kontroll tal-vjeġġi ta' skart barra mill-UE bil-ħsieb li jiġi żgurat li l-iskart kollu esportat mill-UE jiġi ġestit b'mod ambjentalment tajjeb."

**DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MILL-BULGARIJA, L-IRLANDA U N-NETHERLANDS**

"B'mod ġenerali, il-Bulgarija, l-Irlanda u n-Netherlands iħarsu b'mod pożittiv lejn ir-reviżjoni tar-Regolament dwar Vjeġġi ta' Skart. Nagħrfu bis-sħiħ l-importanza li jiġu rregolati l-vjeġġi u l-ġestjoni tal-iskart skont l-ogħla standards ta' protezzjoni ambjentali. Barra minn hekk, nagħrfu li l-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi ma toffrix soluzzjoni sostenibbli għall-isfidi tal-iskart tal-UE.

Fl-istess ħin, huwa ta' importanza kbira li l-Artikolu XI tal-GATT jiġi rispettat bis-sħiħ u li d-derogi minn din id-dispożizzjoni jkunu ġustifikabbli fid-dawl tal-eċċezzjonijiet previsti fil-GATT. Għaldaqstant, il-Bulgarija, l-Irlanda u n-Netherlands jenfasizzaw l-importanza li l-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni tkun limitata. Filwaqt li tali miżuri jistgħu jkunu ġustifikati u meħtieġa minħabba objettivi ta' politika leġittimi, jenħtieġ li jkunu dejjem proporzjonati, immirati, trasparenti, delineati f'sens temporali u konsistenti mar-regoli tad-WTO sabiex ma joħolqux ostakli mhux meħtieġa għall-kummerċ, tfixkil fil-ktajjen tal-provvista dinjija jew ikollhom konsegwenzi negattivi mhux intenzjonati.

Għalhekk, nitolbu lill-Kummissjoni tkompli tissorvelja l-effetti tar-Regolament u tivvaluta l-konsistenza tiegħu mal-obbligi legali tal-UE skont il-ftehimiet rilevanti tad-WTO."